MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 605/2001/1

**Carmel Borg et**

**vs**

**Michael Farrugia et**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Carmel u Mary Grace konjugi Borg li permezz taghha, wara li ppremettew illi:

Il-partijiet iffirmaw skrittura privata quddiem in-Nutar Dottor Pierre Cassar datata 16 ta’ Settembru 1996, illi permezz taghha, l-atturi ikkostitwew ruhhom veri certi u likwidi debituri a favur il-konvenuti ghas-somma ta’ sitta u sebghin elf mija u tnax-il Lira Malta {Lm76,112};

Dan il-kuntratt hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi ghar-ragunijiet segwenti;

Il-kunsens, ingredjent indispensabbli ghall-validità ta’ kull kuntratt, kien vizzjat, b’vizju li jaqa’ fuq is-sustanza innifisha tal-haga li hija l-oggett tal-ftehim;

Il-kunsens gie mehud bi theddid u vjolenza, liema vjolenza u theddid hakmet fuq l-atturi u gieghlithom jibzghu li huma nfushom, membri tal-familja taghhom jew hwejjighom kienu f’periklu ta’ hsara kbira u huwa null a tenur tal-artikoli 974 et seq tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-ftehim kuntrattwali illi qed jigi attakkat u kkontestat permezz ta’ din ic-citazzjoni huwa rizultat tan-negozju li ma rnexxiex bejn il-partijiet u li gie unilateralment konvertit mill-konvenuti f’kuntratt ta’ self u li sopra tutto, s-self fih ukoll element qawwi ta’ uzura ghall-finijiet tal-ligi ghaliex l-ammont hawn fuq imsemmi gie komputat bi percentaggi li jmorru kontra d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1139 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-ammont mhuwiex veritier;

B’konsegwenza tas-suespost, dikjarazzjoni u determinazzjoni ta validità tal-kuntratt *per se* tikkostitiwxxi *unjustified enrichment* ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Talbu lil din il-Qorti:

Tiddikjara li l-kunsens necessarju tal-atturi ghal kuntratt odjern kien vizzjat.

Tiddikjara li l-kuntratt datat 16 ta’ Settembru 1996 huwa null u bla effett ghall-fini kollha tal-ligi.

Tordna, per konsegwenza li l-att pubbliku redatt fis-16 ta’ Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar jigi kancellat inkluz kull forma ta’ garanzija u jew ipoteka hemm imsemmi.

Tiffissa l-jum, hin u post sabiex jigi ppubblikat il-kuntratt ta’ kancellament, u okkorendo tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt u persuni sabiex jipprezentaw l-eventwali kontumacja fuq il-kuntratt ta’ kancellament.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Anthony u Mary Grace konjugi Ellul li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament, t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-azzjoni attrici hija insostenibbli fil-fatt u fid-dritt, stante illi tali azzjoni m'ghandha l-ebda bazi guridika u hija intiza sabiex l-atturi jkomplu jeludu d-drittijiet tal-konvenuti esponenti milli jithallsu l-ammont dovut lilhom a bazi ta' zewg Atti ippubblikati minn Nutar Pierre Cassar datati 6 ta' Gunju 1996 u 16 ta' Settembru 1996, anessi u mmarkati bhala Dok 'A' u 'B' rispettivament, kostitwenti self brevi manu;

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-atturi kienu konsapevoli tan-natura u l-konsegwenza ta' tali Atti ta' kostituzzjoni ta' debitu tant li ffirmaw mhux wahda, izda zewg skritturi quddiem l-imsemmi nutar, f'dati differenti, liema Atti jirregolaw ir-relazzjoni ta' kreditur-debitur tal-komparenti esponenti fil-konfront tal-atturi;

Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti gew kanonizzati kredituri veri, certi u likwidi tal-intimati permezz ta' ittra ufficjali mahruga f'Marzu 1999 li rrendiet ezekuttiv l-Att ippubblikat minn Nutar Pierre Cassar datat 16 ta' Settembru 1996;

Fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-interessi komputati huma konformi ma dak sancit mill-ligi;

Fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti qatt ma tressqu quddiem Qorti tal-Magistrati u akkuzati b'agir vjolenti u theddid fuq il-persuna; lanqas ma gew imwiddba b'ittra legali u/jew ufficcjali ghal dan l-effett;

Fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti qatt ma kellhom relazzjoni ta' negozja ma' l-atturi, tant illi fi stadju minnhom, l-atturi sahansitra hallsu somma akkont tal-ammont shih dovut in debitu;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Michael u Mary Grace konjugi Farrugia li in forza taghha eccepew illi:

L-atturi kienu konsapevoli tan-natura u l-konsegwenza ta' tali Atti ta' kostituzzjoni ta' debitu tant li ffirmaw mhux wahda, izda zewg kuntratti ippubblikati minn Nutar Pierre Cassar datati 6 ta' Gunju 1996 u 16 ta' Settembru 1996, liema Atti jirregolaw r-relazzjoni ta' kreditur-debitur tal-komparenti esponenti fil-konfront tal-atturi;

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti gew kanonizzati kredituri veri, certi u likwidi tal-intimati permezz ta’ ittra ufficcjali mahruga f’Marzu 1999 li rrendiet ezekuttiv l-Att ippublikat minn Nutar Pierre Cassar datat 16 ta’ Settembru 1996;

Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-interessi komputati huma konformi ma dak sancit mill-ligi;

Fir-raba’ lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti qatt ma tressqu quddiem Qorti tal-Magistrati u akkuzati b’agir vjolenti u theddid fuq il-persuna, lanqas ma gew imwiddba b’ittra legali u/jew ufficcjali ghal dan l-effett;

Fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti qatt ma kellhom relazzjoni ta’ negozju ma’ l-atturi, tant illi fi stadju minnhom, l-atturi sahansitra hallsu somma akkont tal-ammont shih dovut in debitu;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti kollha li in forza taghha giet eccepita l-preskrizzjoni a tenur tal-Art. 1222 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-transkrizzjonijiet tax-xhieda moghtija f’seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat id-diversi affidavit prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi jirrizulta mill-provi li fl-1996 Carmel Borg ried jaghmel negozju ma' ditta fl-Italja minn fejn kellu jingieb plywood mill-Italja biex jigi esportat fil-Libja. Peress illi Carmel Borg ma kellux fondi bizzejjed biex javvanza ghal dan in-negozju huwa avvicina lil Michael Farrugia biex johrog xi flus dan ukoll. Dan Farrugia kien ga sellfu flus qabel. Il-partijiet ma jaqblux dwar x'kien ezatt il-ftehim ta' bejniethom, jekk kienx tassew self ta' fondi jew partecipazzjoni f'joint venture. Farrugia nnifsu wkoll ma kellux likwidità bizzejjed u ghalhekk dar fuq il-konvenut l-iehor biex dan isellfu flus hu. In-negozju mat-Taljani falla meta dawn, ghalkemm rcevew il-fondi minghand Borg, baqghu ma baghtux il-merkanzija. Ghaldaqstant Farrugia, li baqa jinsisti li hu kien biss silef bla ma tghabba b'ebda riskju, kif ukoll Ellul, bdew jinsistu ma' Borg biex jigbru flushom. L-insistenza taghhom wasslet ghall-iffirmar ta' zewg atti ta' kostituzzjoni ta' debitu, wiehed fis-6 ta' Gunju 1996, fejn l-atturi odjerni accettaw li huma debituri favur il-konvenuti fl-ammont ta' Lm60,000, u iehor fis-16 ta' Settembru 1996 fejn accettaw debitu fl-ammont ta' Lm76,112 li kien jinkludi s-somma ta' Lm60,000 inkluza fil-kostituzzjoni ta' debitu ffirmata precedentement.

L-atturi, permezz ta' din il-kawza, jsostnu li l-kunsens taghhom ghal dan it-tieni kuntratt kien vizzjat ghax gie mehud bit-theddid u vjolenza. Il-konvenuti jichdu dan.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Ellul giet irtirata seduta stante fil-21 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti tibda biex tiskarta l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti li permezz taghha giet eccepita l-preskrizzjoni a tenur tal-Art. 1222 tal-Kap. 16.

*"L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija wahda perentorja tal-mertu u tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawza, mqar fi stadju tal-appell, izda ma tistax titqajjem mill-Qorti ex ufficio. Il-ligi trid ukoll li eccezzjoni tal-preskrizzjoni tkun deciza b'kap ghaliha, kemm jekk f'sentenza ghaliha jew flimkien mas-sentenza fil-mertu". (Cassar Torreggiani vs Mintoff)*

L-Art. 1222 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

*"(1) Meta f'ligi f'xi kaz partikolari ma tistabilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta', taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn. (2) Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza". L-artikolu 1223 jghid li "(1) Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dak inhar li l-vjolenza tispicca, u, fil-kaz ta' zball, ta' eghmil doluz, jew ta' kawza falza, minn dak inhar li jinkixef id-difett. (2) Fil-kaz ta' obbligazzjoni minghajr kawza, iz-zmien jibda jghodd minn dak inhar tal-kuntratti".*

Ma ngabu lill-Qorti ebda provi ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni, la minn naha lanqas minn ohra. Il-konvenuti fin-nota ta'

sottomissjonijiet taghhom isostni li, galadarba l-ghan tal-konvenuti ntlahaq bl-iffirmar tal-kuntratt, ma kienx baqa' raguni ghall-vjolenza allegata u ghalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni ghandu jibda jinghadd mid-data tal-istess kuntratt. Il-Qorti ma taqbilx. Kien jinkombi fuq il-konvenuti li jressqu provi dwar dan. Il-Qorti tifhem li dan ma setax isir minghajr ma jkun hemm ammissjoni tal-vjolenza allegatament ezercitata. Fin-nuqqas però ma jistghux jippretendu li l-Qorti tistrieh fuq l-assunzjoni kif qed jaghmlu huma. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

In linea ta' principju jibda biex jinghad illi:

*"ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshemm ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju" (Chef Choice Limited vs Galea – 26 ta' Settembru 2013).*

Il-Qorti f'dik il-kawza irriteniet inoltre:

*"Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka. Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni*

*tal-parti attrici, l-Qorti tista taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Minn naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha".*

L-Art. 974 jipprovdi illi:

*"Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa".*

L-Art. 978 jipprovdi illi:

*"(1) Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggeghilha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira.*

*(2) F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna".*

Issa huwa ritenut:

*"Illi biex il-vjolenza thassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawza determinanti li tkun gieghlet lill-parti li tidher ghall-kuntratt, (b) il-frott tal-hidma tal-persuna li ezercitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (c) li l-kunsens hekk mehud ikun ir-rizultat tal-vjolenza hekk ezercitata u mhux ir-rizultat accidentali ta' ghamil mahsub biex jinkiseb rizultat iehor. Ghalhekk, biex il-vjolenza tkun bizzejjed biex ixxejjen il-*

*kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, ingusta b'mod li tqanqal f'persuna ragonevoli bizgha li tesponiha jew lil qarib taghha ghal hsara fil-gid jew fil-persuna taghha. Huwa mizmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti irid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif tehles mill-vjolenza ezercitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha. Madankollu, mhux kull stat ta' ansjetà jwassal biex kunsens moghti fuq kuntratt ikun wiehed bla siwi, jekk kemm-il darba jintwera li l-parti kontraenti kienet taf x'inhi taghmel".*

Fid-dawl ta' dawn il-principji il-Qorti fliet il-provi kollha u ssib illi l-agir tal-konvenuti li minnu qed jilmentaw l-atturi u li minhabba fih isostnu li l-kuntratt firmat ma jghoddx, ma giex pruvat ghas-sodisfazzjoni taghha.

Fl-affidavit tieghu (fol. 168) l-attur jirrakkonta illi:

*"Dwar il-flus mibghutin l-Italja, wara ftit zmien li Michael kien irrealizza li xi hadd kien hadimna, beda hu u Ninu (minkejja li ma kontx naf sa dak in-nhar li Ninu kien shab mieghi, kif gie allegat), li bdew jigru warajja u jdejqu lili u lill-familja tieghi. Bdejt nigi mhedded bi kliem, telefonati u l-prezenza taghhom it-tnejn kemm fid-dar, kif ukoll fl-ufficju li kont nokkupa, kien turment kbir kemm ghalija u ghall-familja tieghi. Kien hemm drabi meta ghal aktar minn tlett darbiet fil-gimgha kienu jigu d-dar f'hinijiet anke fit-tard u Ninu jghajjat, u jhedded illi se jtemmli hajti".*

Mary Grace Borg, l-attrici tghid hekk fl-affidavit taghha:

*""Kienu jkellmuni b'arroganza u kliem iebes ta' theddid. Kienu jghiduli sabiex nghid lil zewgi sabiex jassikura li jmur jgib il-flus investiti minn x'imkien ghaliex hazin kien ser jkun ghalija u ghall-familja tieghi jekk dawn il-flus ma jaslux.*

*Niftakar il-kliem car kristall ghadu jinstema f'widnejja, minn Michael fuq it-telefon meta darba wiehed qalli "Jien lil Ninu kemm ntieh sulfarina u malajr jiehu, jigi bis-senter ghalih."*

*Naturalment jiena kont imbezza hafna u bdejt nghid lil Charlie sabiex ifittex jara x'ser jaghmel halli dawn in-nies nehilsu minnhom, ma jcemplulniex aktar u ma jkellmuniex. Bdejt nibza nohrog u nidhol id-dar wahdi. Dejjem inhares warajja.*

*Wara t-telefonati kienu anki gew ihabbtuli fuq il-bieb ta' barra sabiex jbezzawni u jippressawni sabiex zewgi jghaddilhom dawn il-flus.""*

Din il-Qorti tqis li l-atturi ma rnexxielhomx, bil-ftit provi li ressqu, jissodisfaw il-vot tal-ligi. Wiehed kien jistenna li jitressqu bhala xhieda dawk il-familjari li l-atturi jsostnu li gieli semghu xi ghajjat. L-attur isostni li gieli marru l-konvenuti jsibuh fl-ufficcju, pero hadd mill-ufficcju ma tressaq biex jikkonferma dan. Inoltre, qatt ma saru ebda rapporti lill-Pulizija. Fuq kollox, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li saru zewg kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu, wiehed tlett xhur wara l-iehor. Jekk kien hemm dan it-theddid kollu, kif ma hadu l-ebda passi l-atturi wara l-ewwel kuntratt?

Fic-citazzjoni l-atturi donnhom jaccennaw ukoll ghall-allegazzjoni ta’ zball fuq l-oggett tal-ftehim. Dwar dan ma ngabu ebda provi. Ma jirrizulta minn imkien illi l-atturi ma kienux jafu x’qed jiffirmaw, ghal darba darbtejn. Meta tressaq jixhed in-Nutar Cassar li ppubblika l-atti *de quo* ma gie mistoqsi xejn fir-rigward.

Fl-affidavit taghhom, li del resto, l-Qorti tqis huma l-unici provi relevanti prodotti minnhom, l-atturi ma jsemmu xejn li jista b’xi mod iwassal lil wiehed biex jikkonkludi li kienu qeghdin jaghmlu haga b’ohra. Lanqas in-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom ma titfa’ ebda dawl fir-rigward.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjoni ulterjuri dwar preskrizzjoni, tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra u tichad it-talbiet tal-atturi.

L-ispejjez jithallsu mill-atturi hlief ghal dawk relatati mal-eccezzjoni michuda li ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------